

**REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2023/1066****tal-1 ta' Ġunju 2023****dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' akkordji ta' riċerka u żvilupp****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KEE) Nru 2821/71 tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 1971 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 85(3) tat-Trattat għal kategoriji ta' ftehim, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 1(1), il-punt (b) tiegħu,

Wara li ppubblikat abbozz ta' dan ir-Regolament <sup>(2)</sup>,

Wara li kkonsultat il-Kumitat Konsultattiv fil-Qasam tal-Prattiki Restrittivi u Pożizzjonijiet Dominanti,

Billi:

- (1) Ir-Regolament (KEE) Nru 2821/71 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni sabiex tapplika l-Artikolu 101(3) tat-Trattat permezz ta' regolament għal ċerti kategoriji ta' akkordji, deċiżjonijiet u prattiki miftiehma li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) tat-Trattat li għandhom bħala l-objettiv tagħhom ir-riċerka u l-iżvilupp ta' prodotti jew proċessi sal-istadju tal-applikazzjoni industrijali, u l-isfruttament tar-riżultati, inklużi dispożizzjonijiet rigward id-drittijiet tal-proprjetà intellettwali.
- (2) L-Artikolu 179(2) tat-Trattat jappella lill-Unjoni biex thegġegħ lill-impriżi, inklużi l-impriżi żgħar u ta' daqs medju, fl-attivitajiet tagħhom ta' riċerka u żvilupp teknoloġiku ta' kwalità għolja, u biex tappoġġa l-isforzi tagħhom biex jikkoperaw flimkien. Il-koperazzjoni bejn l-impriżi dwar ir-riċerka u l-iżvilupp tista' tikkontribwixxi biex jintlaħqu l-objettivi tal-Patt Ekoloġiku Ewropew <sup>(3)</sup>.
- (3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1217/2010 <sup>(4)</sup> jiddefinixxi kategoriji ta' akkordji ta' riċerka u żvilupp li l-Kummissjoni tqis li normalment jissodisfaw il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 101(3) tat-Trattat. Dak ir-Regolament jiskadi fit-30 ta' Ġunju 2023. Fl-isfond tal-esperjenza ġenerali pożittiva fl-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament u r-riżultati tal-evalwazzjoni tar-Regolament, huwa xieraq li jiġi adottat regolament ta' eżenzjoni ta' kategorija ġdida.
- (4) Dan ir-Regolament għandu l-għan li jiffaċilita r-riċerka u l-iżvilupp filwaqt li fl-istess ħin jħares il-kompetizzjoni b'mod effettiv. Dan ir-Regolament għandu wkoll l-għan li li jipprovdi lill-impriżi ċertezza legali adegwata. Sabiex jintlaħqu dawk l-objettivi, jenħtieġ li titqies il-ħtieġa li s-supervizzjoni amministrattiva u l-qafas leġislattiv jiġu ssimplifikati kemm jista' jkun.

<sup>(1)</sup> ĠU L 285, 29.12.1971, p. 46.

<sup>(2)</sup> ĠU C 120, 15.3.2022, p. 9.

<sup>(3)</sup> Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni — Il-Patt Ekoloġiku Ewropew (COM(2019)640 final).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1217/2010 tal-14 ta' Diċembru 2010 dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għal ċerti kategoriji ta' akkordji ta' riċerka u żvilupp (ĠU L 335, 18.12.2010, p. 36).

- (5) Sakemm ma jintlaħaqx ċertu livell ta' saħħa fis-suq, b'mod ġenerali jista' jiġi preżunt, għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat, li l-effetti pożittivi tal-akkordji ta' riċerka u żvilupp se jegħlbu kwalunkwe effett negattiv fuq il-kompetizzjoni.
- (6) Għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat permezz ta' regolament, mhuwiex neċessarju li jiġu definiti dawk l-akkordji li jistgħu jidhru fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) tat-Trattat. Fil-valutazzjoni individwali tal-akkordji skont l-Artikolu 101(1) tat-Trattat, għandhom jitqiesu diversi fatturi u, b'mod partikolari, l-istruttura tas-suq rilevanti.
- (7) Il-kooperazzjoni fir-riċerka u l-iżvilupp konġunti jew bi ħlas u fl-isfruttament tar-riżultati x'aktarx li tippromwovi l-progress tekniku u ekonomiku jekk il-partijiet jikkontribwixxu hilit, assi jew attivitajiet komplementari għall-kooperazzjoni.
- (8) Huwa ġeneralment mistenni li l-klijenti jibbenefikaw miż-żieda fil-volum u fl-effettività tar-riċerka u l-iżvilupp permezz tal-introduzzjoni ta' prodotti, teknoloġiji jew proċessi ġodda jew imtejba, it-tnejja iktar rapida ta' dawk il-prodotti, teknoloġiji jew proċessi, jew it-tnaqqis fil-prezzijiet li jirriżultaw minn prodotti, teknoloġiji jew proċessi ġodda jew imtejba.
- (9) L-isfruttament konġunt tar-riżultati jista' jieħu forom differenti, bħall-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' prodotti, l-applikazzjoni ta' teknoloġiji jew proċessi, jew l-assenjazzjoni jew il-liċenzjar ta' drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew il-komunikazzjoni tal-għarfien espert meħtieġ għal dik il-produzzjoni jew applikazzjoni, li sostanzjalment jikkontribwixxu għall-progress tekniku jew ekonomiku.
- (10) Sabiex tiġi ġġustifikata l-eżenzjoni stabbilita minn dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-isfruttament konġunt ikun relatat ma' prodotti (inklużi oġġetti u servizzi), teknoloġiji jew proċessi li għalihom l-użu tar-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp ikun indispensabbli.
- (11) Barra minn hekk, jenħtieġ li fl-akkordju ta' riċerka u żvilupp il-partijiet kollha jaqblu li se jkollhom aċċess sħiħ għar-riżultati finali tal-attivitajiet konġunti ta' riċerka u żvilupp, inkluż kwalunkwe dritt ta' proprjetà intellettuali u għarfien espert li jirriżultaw, għall-iskopijiet ta' riċerka u żvilupp ulterjuri u għall-iskopijiet ta' sfruttament, hekk kif ir-riżultati finali jsiru disponibbli. Jenħtieġ li l-aċċess għar-riżultati ġeneralment ma jkunx limitat fir-rigward tal-użu tar-riżultati għall-finijiet ta' riċerka u żvilupp ulterjuri. Madankollu, l-aċċess għar-riżultati għall-finijiet ta' sfruttament jista' jkun limitat jekk il-partijiet, f'konformità ma' dan ir-Regolament, jillimitaw id-drittijiet tagħhom ta' sfruttament, b'mod partikolari meta huma jispeċjalizzaw fil-kuntest tal-isfruttament. Barra minn hekk, meta l-korpi akkademiċi, l-istituti tar-riċerka jew l-impriżi li jformu r-riċerka u l-iżvilupp bħala servizz kummerċjali mingħajr ma normalment ikunu attivi fl-isfruttament tar-riżultati jipparteċipaw fir-riċerka u l-iżvilupp, huma jistgħu jaqblu li jużaw ir-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp biss għall-fini ta' riċerka u żvilupp ulterjuri.
- (12) Il-partijiet jistgħu jagħtu kontribuzzjonijiet mhux ugwali għall-koperazzjoni tagħhom fir-riċerka u l-iżvilupp, skont il-ħiliet u l-ħtiġijiet kummerċjali tagħhom. Għalhekk, sabiex jiġu riflessi, u kkompensati, id-differenzi fil-valur jew fin-natura tal-kontribuzzjonijiet tal-partijiet, akkordju ta' riċerka u żvilupp li jibbenefika mill-eżenzjoni stabbilita minn dan ir-Regolament jista' jstipula li parti waħda tikkompensa parti oħra biex tikseb aċċess għar-riżultati għall-finijiet ta' riċerka u żvilupp ulterjuri, jew ta' sfruttament. Madankollu, jenħtieġ li l-kompens ma jkunx tant għoli li effettivament jimpedixxi l-aċċess.
- (13) Meta l-akkordju ta' riċerka u żvilupp ma jipprevedix sfruttament konġunt tar-riżultati, jenħtieġ li fl-akkordju ta' riċerka u żvilupp il-partijiet jaqblu li jagħtu aċċess lil xulxin għall-għarfien espert preeżistenti rispettiv tagħhom, jekk dak l-għarfien espert ikun indispensabbli għall-iskop tal-isfruttament tar-riżultati mill-partijiet l-oħrajn. Jenħtieġ li kwalunkwe kumpens (pereżempju, it-tariffi tal-liċenzja) mitlub ma jkunx tant għoli li jimpedixxi b'mod effettiv l-aċċess għall-għarfien espert mill-partijiet l-oħra.

- (14) Jenħtieġ li l-eżenzjoni stabbilita minn dan ir-Regolament tkun limitata għal akkordji ta' riċerka u żvilupp li ma jagħtux lill-impriżi l-possibbiltà li jeliminaw il-kompetizzjoni fir-rigward ta' parti sostanzjali mill-prodotti, it-teknoloġiji jew il-proċessi kkonċernati. Għalhekk, huwa meħtieġ li jiġu esklużi mill-eżenzjoni ta' kategorija l-akkordji bejn il-kompetituri li s-sehem ikkombinat tagħhom mis-suq għal prodotti, teknoloġiji jew proċessi li jistgħu jiġu mtejba, sostitwiti jew mibdula bir-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp, ikun ikbar minn ċertu livell fiż-żmien meta jiġi konkluż l-akkordju.
- (15) Meta parti waħda tiffinanzja diversi proġetti ta' riċerka u żvilupp imwettqa minn kompetituri fir-rigward tal-istess prodotti, teknoloġiji jew proċessi, ma jistax jiġi eskluż li jistgħu jinħolqu effetti ta' esklużjoni antikompetittiva, b'mod partikolari meta dik il-parti tikseb id-dritt esklużiv li tisfrutta r-riżultati fil-konfront ta' partijiet terzi. Għalhekk, fir-rigward ta' akkordji ta' riċerka u żvilupp bi ħlas, jenħtieġ li l-benefiċċju tal-eżenzjoni stabbilita minn dan ir-Regolament tkun limitata għal akkordji li skonthom is-sehem mis-suq ikkombinat tal-partijiet kollha involuti fl-akkordji konnessi, jiġifieri l-parti li tiffinanzja u l-partijiet kollha li jwettqu r-riċerka u l-iżvilupp, ma jkunx ikbar ċertu livell.
- (16) Madankollu, jenħtieġ li l-eżenzjoni stabbilita minn dan ir-Regolament ma tkunx soġġetta għal limitu tas-sehem mis-suq jekk il-partijiet għall-akkordju ta' riċerka u żvilupp ma jkunux impriżi kompetituri fir-rigward ta' prodotti, teknoloġiji jew proċessi li jistgħu jiġu mtejba, sostitwiti jew mibdula bil-prodotti, teknoloġiji jew proċessi li jirriżultaw mill-akkordju. Dan jinkludi, pereżempju, akkordji relatati mal-iżvilupp ta' prodotti, teknoloġiji jew proċessi li jgħodqu domanda kompletament ġdida, jew riċerka u żvilupp li mhumiex relatati mill-qrib ma' prodott, teknoloġija jew proċess speċifiku, jew li għadhom mhumiex immirati lejn objettiv speċifiku.
- (17) Fil-każ li jinqabeż il-livell tas-sehem mis-suq stabbilit b'dan ir-Regolament jew li ma jiġux sodisfatti kundizzjonijiet oħra ta' dan ir-Regolament, m'għandux jiġi preżunt li l-akkordji ta' riċerka u żvilupp jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) tat-Trattat jew jonqsu milli jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-Artikolu 101(3) tat-Trattat. F'każijiet bħal dawk, huwa meħtieġ li titwettaq valutazzjoni individwali tal-akkordju ta' riċerka u żvilupp skont l-Artikolu 101 tat-Trattat.
- (18) Sabiex jiġi żgurat li tinżamm kompetizzjoni effettiva matul l-isfruttament konġunt tar-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp konġunt jew bi ħlas, jenħtieġ li ssir dispożizzjoni sabiex l-eżenzjoni ta' kategorija tiegħa tapplika jekk is-sehem fis-suq ikkombinat tal-partijiet għall-prodotti, teknoloġiji jew proċessi li jirriżultaw mir-riċerka u l-iżvilupp konġunt jew bi ħlas, ikun ikbar minn ċertu livell. Madankollu, jenħtieġ li l-eżenzjoni tkompli tapplika għal ċertu perjodu wara l-bidu tal-isfruttament konġunt, irrISPettivament mill-ishma mis-suq tal-partijiet, sabiex ikun hemm stabbilizzazzjoni tal-ishma mis-suq tal-partijiet, b'mod partikolari wara l-introduzzjoni ta' prodott kompletament ġdid, u sabiex ikun garantit perjodu minimu ta' redditu fuq l-investimenti involuti.
- (19) Jenħtieġ li l-eżenzjoni stabbilita minn dan ir-Regolament ma tapplikax għal akkordji li jkun fihom restrizzjonijiet li mhumiex indispensabbli biex jinkisbu l-effetti pożittivi ġġenerati minn akkordju ta' riċerka u żvilupp. Bi prinċipju, jenħtieġ li akkordji li jkun fihom ċerti tipi ta' restrizzjonijiet severi tal-kompetizzjoni, bħalma huma l-limitazzjonijiet fuq il-libertà tal-partijiet li jwettqu riċerka u żvilupp f'qasam mhux konness mal-akkordju, l-iffissar tal-prezzijiet li partijiet terzi jintalbu jħallsu, il-limitazzjonijiet fuq il-produzzjoni jew il-bejgħ, u l-limitazzjonijiet fuq it-twettiq ta' bejgħ passiv tal-prodotti, it-teknoloġiji jew il-proċessi li jirriżultaw mir-riċerka u l-iżvilupp konġunt jew bi ħlas, jiġu esklużi mill-benefiċċju tal-eżenzjoni stabbilita minn dan ir-Regolament, irrISPettivament mis-sehem mis-suq tal-partijiet. F'dak il-kuntest, ir-restrizzjonijiet fuq il-qasam tal-użu ma jikkostitwixxu limitazzjonijiet tal-produzzjoni jew tal-bejgħ u lanqas ma jikkostitwixxu restrizzjonijiet territorjali jew fuq il-klijenti.
- (20) Il-limiti tas-sehem mis-suq, in-nuqqas ta' eżenzjoni ta' ċerti akkordji u l-kundizzjonijiet previsti f'dan ir-Regolament ġeneralment jiżguraw li l-akkordji li għalihom tapplika l-eżenzjoni ta' kategorija ma jippermettux li l-partijiet jeliminaw il-kompetizzjoni fir-rigward ta' parti sostanzjali tal-prodotti, teknoloġiji jew proċessi kkonċernati.
- (21) Akkordji bejn impriżi li jipprovdu prodotti, teknoloġiji jew proċessi li jistgħu jiġu mtejba, sostitwiti, jew mibdula bir-riżultati tar-riċerka u żvilupp iżda li jikkompetux bejniethom u li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, jeliminaw il-kompetizzjoni effettiva tal-innovazzjoni biss f'ċirkostanzi eċċezzjonali. Għalhekk, huwa xieraq li dawk l-akkordji jitħallew jibbenefikaw mill-eżenzjoni stabbilita minn dan ir-Regolament irrISPettivament mis-sehem mis-

suq u li kwalunkwe każ eċċezzjonali jiġi indirizzat permezz tal-irtirar tal-benefiċċju tar-Regolament. L-eżenzjoni ta' dawk l-akkordji skont dan ir-Regolament hija mingħajr preġudizzju għall-valutazzjoni kompetittiva ta' akkordji ta' riċerka u żvilupp li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet ta' dan ir-Regolament jew akkordji li fir-rigward tagħhom ikun ġie rtirat il-benefiċċju tal-eżenzjoni stabbilita minn dan ir-Regolament.

- (22) Jenħtieġ li dan ir-Regolament jindika sitwazzjonijiet tipiċi li fihom jista' jitqies xieraq li jiġi rtirat il-benefiċċju tal-eżenzjoni stabbilita minn dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 29 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 <sup>(5)</sup>.
- (23) Billi l-akkordji ta' riċerka u żvilupp spiss ikunu għal żmien twil, speċjalment meta l-koperazzjoni testendi għall-isfruttament tar-riżultati, jenħtieġ li l-perjodu ta' validità ta' dan ir-Regolament ikun 12-il sena,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

### Artikolu 1

#### Definizzjonijiet

1. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:
- (1) "akkordju ta' riċerka u żvilupp" tfisser akkordju konkluż bejn żewġ partijiet jew iktar li jirrigwarda l-kundizzjonijiet li skonthom dawk il-partijiet iwettqu kwalunkwe minn li ġej:
- (a) riċerka u żvilupp konġunti ta' prodotti tal-kuntratt jew teknoloġiji tal-kuntratt li:
- (i) ma jinkludux l-isfruttament konġunt tar-riżultati ta' dik ir-riċerka u żvilupp; jew
- (ii) jinkludu l-isfruttament konġunt tar-riżultati ta' dik ir-riċerka u żvilupp;
- (b) riċerka u żvilupp bi ħlas ta' prodotti tal-kuntratt jew teknoloġiji tal-kuntratt li:
- (i) ma jinkludux l-isfruttament konġunt tar-riżultati ta' dik ir-riċerka u żvilupp;
- (ii) jinkludu l-isfruttament konġunt tar-riżultati ta' dik ir-riċerka u żvilupp;
- (c) l-isfruttament konġunt tar-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp ta' prodotti tal-kuntratt jew teknoloġiji tal-kuntratt imwettqa skont akkordju preċedenti li jaqa' taħt il-punt (a) bejn l-istess partijiet;
- (d) l-isfruttament konġunt tar-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp ta' prodotti tal-kuntratt jew teknoloġiji tal-kuntratt imwettqa skont akkordju preċedenti li jaqa' taħt il-punt (b) bejn l-istess partijiet;
- (2) "akkordju" tfisser ftehim bejn l-impriżi, deċiżjoni ta' assoċjazzjoni ta' impriżi jew prattika miftiehma;
- (3) "riċerka u żvilupp" tfisser attivitajiet bil-għan li jinkiseb għarfien espert marbut ma' prodotti, teknoloġiji jew proċessi, it-tweġiq ta' analiżi teoretika, studju sistematiku jew sperimentazzjoni, inklużi l-produzzjoni sperimentali u ta' dimostrazzjoni, l-ittestjar tekniku ta' prodotti jew proċessi, l-istabbiliment tal-faċilitajiet meħtieġa sal-livell tal-mudelli ta' dimostrazzjoni u l-kisba ta' drittijiet ta' proprjetà intellettuali għar-riżultati;
- (4) "prodott" tfisser oġġett jew servizz, inklużi kemm oġġetti jew servizzi intermedjarji, kif ukoll oġġetti jew servizzi finali;
- (5) "teknoloġija tal-kuntratt" tfisser teknoloġija jew proċess li jirriżultaw mir-riċerka u l-iżvilupp konġunti jew bi ħlas;

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1/2003 tas-16 ta' Diċembru 2002 fuq l-implimentazzjoni tar-regoli tal-kompetizzjoni mniżżlin fl-Artikoli 81 u 82 tat-Trattat (ĠU L 1, 4.1.2003, p. 1).

- (6) “prodott tal-kuntratt” tfisser prodott li jirriżulta mir-riċerka u l-iżvilupp konġunti jew bi ħlas jew li jiġi prodott bl-applikazzjoni tat-teknoloġiji tal-kuntratt;
- (7) “sfruttament tar-riżultati” tfisser il-produzzjoni jew id-distribuzzjoni tal-prodotti tal-kuntratt jew l-applikazzjoni tat-teknoloġiji tal-kuntratt jew l-assenjazzjoni jew il-liċenzjar tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali jew il-komunikazzjoni tal-għarfien espert meħtieġ għal tali produzzjoni jew applikazzjoni;
- (8) “drittijiet tal-proprjetà intellettuali” tinkludi d-drittijiet tal-proprjetà industrijali, pereżempju l-privattivi u l-marki kummerċjali, kif ukoll id-drittijiet tal-awtur u d-drittijiet assoċjati;
- (9) “għarfien espert” tfisser pakkett ta’ informazzjoni Prattika, li jirriżulta mill-esperjenza u mill-ittestjar, li jkun:
  - (a) “sigriet”, tfisser li mhux magħruf b’mod ġenerali jew faċilment aċċessibbli;
  - (b) “sostanzjali”, tfisser li huwa sinifikanti u utli għall-produzzjoni tal-prodotti tal-kuntratt jew għall-applikazzjoni tat-teknoloġiji tal-kuntratt; u
  - (c) “identifikat” tfisser li huwa deskritt b’mod komprensiv biżżejjed sabiex ikun possibbli li jiġi vverifikat li jkun jissodisfa l-kriterji ta’ segretezza u sostanzjalità;
- (10) “konġunt”, fil-kuntest tal-attivitajiet imwettqa skont akkordju ta’ riċerka u żvilupp, tfisser attivitajiet fejn ix-xogħol involut:
  - (a) jitwettaq minn tim konġunt, organizzazzjoni konġunta jew impriża konġunta;
  - (b) jiġi fdat b’mod konġunt lil parti terza; jew
  - (c) jiġi allokati bejn il-partijiet permezz ta’ speċjalizzazzjoni fil-kuntest ta’ riċerka u żvilupp jew permezz ta’ speċjalizzazzjoni fil-kuntest ta’ sfruttament;
- (11) “speċjalizzazzjoni fil-kuntest ta’ riċerka u żvilupp” tfisser li kull waħda mill-partijiet tkun involuta fl-attivitajiet ta’ riċerka u żvilupp koperti mill-akkordju ta’ riċerka u żvilupp u li huma jaqsmu x-xogħol ta’ riċerka u żvilupp bejniethom bi kwalunkwe mod li jqisu xieraq; dan ma jinkludix riċerka u żvilupp bi ħlas;
- (12) “speċjalizzazzjoni fil-kuntest ta’ sfruttament” tfisser li l-partijiet jallokaw bejniethom kompiti individwali bħall-produzzjoni jew id-distribuzzjoni, jew jimponu restrizzjonijiet fuq xulxin rigward l-isfruttament tar-riżultati, bħal restrizzjonijiet b’rabta ma’ ċerti territorji, klijenti jew oqsma ta’ użu; dan jinkludi xenarju fejn parti waħda biss tipproduċi u tiddistribwixxi l-prodotti tal-kuntratt jew tapplika t-teknoloġiji tal-kuntratt fuq il-bażi ta’ liċenzja esklussiva mogħtija mill-partijiet l-oħra;
- (13) “riċerka u żvilupp bi ħlas” tfisser riċerka u żvilupp li jitwettqu minn parti waħda u li jiġu ffinanzjati minn parti li tiffinanzja;
- (14) “parti li tiffinanzja” tfisser parti li tipprovdi l-finanzjament għar-riċerka u żvilupp bi ħlas, filwaqt li hi stess ma twettaq l-ebda attività ta’ riċerka u żvilupp;
- (15) “impriża kompetitriċi” tfisser kompetitur attwali jew potenzjali:
  - (a) “kompetitur attwali” tfisser impriża li tkun qed tforni prodott, teknoloġija jew proċess li jista’ jiġi mtejjeb, sostitwit jew mibdul bil-prodott tal-kuntratt jew bit-teknoloġija tal-kuntratt fis-suq ġeografiku rilevanti;
  - (b) “kompetitur potenzjali” tfisser impriża li, għal raġunijiet realistiċi u mhux sempliċiment bħala possibbiltà teoretika, fin-nuqqas tal-akkordju ta’ riċerka u żvilupp, x’aktarx li tagħmel, fi żmien mhux aktar minn 3 snin, l-investimenti addizzjonali meħtieġa jew iġġarrab l-ispejjeż meħtieġa biex tforni prodott, teknoloġija jew proċess li jistgħu jiġu mtejjeb, sostitwiti jew mibdula bil-prodott tal-kuntratt jew bit-teknoloġija tal-kuntratt fis-suq ġeografiku rilevanti;

- (16) "suq rilevanti tal-prodotti" tfisser is-suq rilevanti għall-prodotti li jistgħu jiġu mtejba, sostitwiti jew mibdula bil-prodotti tal-kuntratt;
- (17) "suq rilevanti tat-teknoloġiji" tfisser is-suq rilevanti għat-teknoloġiji jew għall-proċessi li jistgħu jiġu mtejba, sostitwiti jew mibdula bit-teknoloġiji tal-kuntratt;
- (18) "bejgħ attiv" tfisser il-forom kollha ta' bejgħ minbarra bejgħ passiv;
- (19) "bejgħ passiv" tfisser bejgħ bi tweġiba għal talbiet mhux mitluba minn klijenti individwali, inkluża l-konsenja ta' prodotti lill-klijent mingħajr ma l-bejgħ jkun inbeda permezz ta' reklamar immirat b'mod attiv lejn il-klijent partikolari, il-grupp ta' klijenti partikolari jew it-territorju partikolari, u jinkludi l-bejgħ li jirriżulta minn parteċipazzjoni f'akkwist pubbliku jew minn tweġiba għal sejħiet għall-offerti privati.

2. Għall-iskopijiet ta' dan ir-Regolament, it-termini "impriża" u "parti" għandhom jinkludu l-impriżi konnessi rispettivi tagħhom. "Impriżi konnessi" tfisser:

- (1) impriżi li fihom parti fl-akkordju ta' riċerka u żvilupp, direttament jew indirettament, ikollha wieħed jew iktar mid-drittijiet jew setgħat li ġejjin:
  - (a) is-setgħa li teżerċita iktar minn nofs id-drittijiet tal-vot;
  - (b) is-setgħa li taħtar iktar minn nofs il-membri tal-bord superviżorju, tal-bord ta' ġestjoni jew tal-korpi li jirrappreżentaw lill-impriża ġuridikament;
  - (c) id-dritt li tmexxi l-affarijiet tal-impriża;
- (2) impriżi li direttament jew indirettament ikollhom wieħed jew iktar mid-drittijiet jew is-setgħat elenkati fil-punt (1) fil-konfront ta' parti fl-akkordju ta' riċerka u żvilupp;
- (3) impriżi li fihom impriża msemija fil-punt (2) ikollha, direttament jew indirettament, wieħed jew iktar mid-drittijiet jew setgħat elenkati fil-punt (1);
- (4) impriżi li fihom parti fl-akkordju ta' riċerka u żvilupp flimkien ma' waħda jew iktar mill-impriżi msemija fil-punti (1), (2) jew (3), jew li fihom tnejn jew aktar mill-impriżi tal-aħħar, b'mod konġunt ikollhom wieħed jew iktar mid-drittijiet jew is-setgħat elenkati fil-punt (1);
- (5) impriżi li fihom wieħed minn dawn li ġejjin, ikollu b'mod konġunt, wieħed jew iktar mid-drittijiet jew is-setgħat elenkati fil-punt (1):
  - (a) partijiet fl-akkordju ta' riċerka u żvilupp jew l-impriżi konnessi rispettivi tagħhom imsemija fil-punti (1) sa (4); jew
  - (b) parti waħda jew iktar fl-akkordju ta' riċerka u żvilupp jew impriża konnessa waħda jew iktar tagħhom imsemija fil-punti (1) sa (4) u parti terza waħda jew partijiet terzi.

## Artikolu 2

### Eżenzjoni

1. Skont l-Artikolu 101(3) tat-Trattat u soġġett għad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament, l-Artikolu 101(1) tat-Trattat m'għandux japplika għal akkordji ta' riċerka u żvilupp.
2. L-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tapplika sakemm l-akkordji ta' riċerka u żvilupp ikun fihom restrizzjonijiet tal-kompetizzjoni li jidħlu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 101(1) tat-Trattat.

3. L-eżenzjoni stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tapplika wkoll għal akkordji ta' riċerka u żvilupp li jinkludu dispożizzjonijiet dwar l-assenjazzjoni jew il-liċenzjar ta' drittijiet tal-proprjetà intellettwali lil parti waħda jew iktar jew lil entità stabbilita mill-partijiet biex twettaq riċerka u żvilupp konġunti jew bi ħlas jew l-isfruttament konġunt tar-riżultati, sakemm daww id-dispożizzjonijiet ikunu direttament relatati mal-implimentazzjoni tal-ftehim u meħtieġa għaliha u ma jikkostitwixxux l-għan primarju tal-akkordju.

### Artikolu 3

#### Aċċess għar-riżultati finali

1. L-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 2 għandha tapplika soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.
2. L-akkordju ta' riċerka u żvilupp irid jistipula li l-partijiet kollha jkollhom aċċess sħiħ għar-riżultati finali tar-riċerka u żvilupp konġunti jew bi ħlas, bl-iskop ta' riċerka u żvilupp ulterjuri u bl-iskop ta' sfruttament.
3. L-aċċess previst fil-paragrafu 2 għandu:
  - (a) jinkludi kwalunkwe dritt ta' proprjetà intellettwali u għarfien espert li jirriżulta;
  - (b) jingħata hekk kif ir-riżultati tar-riċerka u tal-iżvilupp isiru disponibbli.
4. Meta l-akkordju ta' riċerka u żvilupp jipprovdi li l-partijiet jikkumpensaw lil xulxin biex jingħataw aċċess għar-riżultati bi skop ta' riċerka u żvilupp ulterjuri jew bi skop ta' sfruttament, il-kumpens ma jridx ikun tant għoli li effettivament jimpedixxi l-aċċess.
5. L-istituti tar-riċerka, il-korpi akkademiċi, jew l-imprezi li jfornu r-riċerka u żvilupp bħala servizz kummerċjali mingħajr ma normalment ikunu attivi fl-isfruttament tar-riżultati, jistgħu jaqblu li jużaw r-riżultati biss għal skop ta' riċerka u żvilupp ulterjuri.
6. Meta l-partijiet jillimitaw id-drittijiet tagħhom ta' sfruttament skont dan ir-Regolament, b'mod partikolari meta jispeċjalizzaw fil-kuntest tal-isfruttament, l-aċċess għar-riżultati għall-finijiet ta' sfruttament jista' jkun limitat kif xieraq.

### Artikolu 4

#### Aċċess għall-għarfien espert preeżistenti

1. Meta l-akkordju ta' riċerka u żvilupp ma jkunx jinkludi esplojtazzjoni konġunta tar-riżultati, l-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 2 għandha tapplika soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu.
2. L-akkordju jrid jistipula li kull parti għandha tingħata aċċess għal kwalunkwe għarfien espert preeżistenti tal-partijiet l-oħrajn jekk dak l-għarfien espert ikun indispensabbli sabiex jiġu sfruttati r-riżultati.
3. Meta l-akkordju jipprovdi li l-partijiet jikkumpensaw lil xulxin għall-għoti tal-aċċess għall-għarfien espert preeżistenti tagħhom, il-kumpens ma jridx ikun daqstant għoli li effettivament ixekkel dak l-aċċess.

### Artikolu 5

#### Sfruttament konġunt

1. L-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 2 għandha tapplika bil-kundizzjoni li kwalunkwe sfruttament konġunt jappartjeni biss għal riżultati li jissodisfaw iż-żewġ kundizzjonijiet li ġejjin:
  - (a) ir-riżultati jkunu indispensabbli għall-produzzjoni tal-prodotti tal-kuntratt jew għall-applikazzjoni tat-teknoloġiji tal-kuntratt;
  - (b) ir-riżultati jkunu protetti mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali jew jikkostitwixxu għarfien espert.

2. Meta parti waħda jew iktar jiġu inkarigati bil-produzzjoni tal-prodotti tal-kuntratt permezz ta' speċjalizzazzjoni fil-kuntest tal-isfruttament, l-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 2 għandha tapplika bil-kundizzjoni li dawk il-partijiet ikunu meħtieġa jwettqu ordnijiet biex il-prodotti tal-kuntratt jiġu provduti mill-partijiet l-oħra, ħlief meta japplika wieħed mill-każijiet li ġejjin:

- (a) l-akkordju ta' riċerka u żvilupp ikun jipprevedi wkoll li d-distribuzzjoni titwettaq minn tim, organizzazzjoni jew impriża konġunta jew li tiġi fdata b'mod konġunt lil parti terza;
- (b) il-partijiet ikunu qablu li hija biss il-parti li tipproduċi l-prodotti tal-kuntratt li tista' tiddistribwihom.

## Artikolu 6

### Limiti tas-sehem mis-suq u tul ta' eżenzjoni

1. Meta tnejn jew iktar mill-partijiet ikunu impriżi kompetituri skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1), il-punt (15), l-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 2 għandha tapplika għat-tul taż-żmien kollu tar-riċerka u l-iżvilupp jekk, fiż-żmien li jiġi konkluż l-akkordju ta' riċerka u żvilupp:

- (a) għall-akkordji ta' riċerka u żvilupp imsemmija fl-Artikolu 1(1), il-punti (1)(a) u (c), is-sehem mis-suq ikkombinat tal-partijiet għall-ftehim ma jkunx ikbar minn 25 % fis-swieq tal-prodotti u tat-teknoloġija rilevanti;
- (b) għall-akkordji ta' riċerka u żvilupp imsemmija fl-Artikolu 1(1), il-punti (1) (b) u (d), is-sehem mis-suq ikkombinat tal-parti li tiffinanzja u l-partijiet kollha li magħhom il-parti li tiffinanzja tkun ikkonkludiet akkordji ta' riċerka u żvilupp fir-rigward tal-istess prodotti tal-kuntratt jew teknoloġiji tal-kuntratt, ma jkunx ikbar minn 25 % fis-swieq tal-prodott u tat-teknoloġija rilevanti.

2. Meta l-partijiet ma jkunux impriżi kompetituri skont it-tifsira tal-Artikolu 1(1), il-punt (15), l-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 2 għandha tapplika għat-tul ta' żmien tar-riċerka u żvilupp.

3. F'każ ta' akkordji ta' riċerka u żvilupp fejn ir-riżultati jiġu sfruttati b'mod konġunt, l-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 2 għandha tkompli tapplika għal 7 snin minn meta l-prodotti tal-kuntratt jew it-teknoloġiji tal-kuntratt jitqiegħdu fis-suq intern għall-ewwel darba, jekk il-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafi 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu jiġu ssodisfati fiż-żmien meta jsir l-akkordju msemmi fl-Artikolu 1(1), il-punt (1) (a) jew (b). Sabiex l-akkordji ta' riċerka u żvilupp imsemmija fl-Artikolu 1(1), il-punt (1) (c) u (d) jibbenefikaw minn eżenzjoni kontinwa, il-kundizzjonijiet previsti fil-paragrafi 1 jew 2 ta' dan l-Artikolu jridu jiġu ssodisfati fiż-żmien meta jkun sar l-akkordju preċedenti li għalih issir referenza fl-Artikolu 1(1), il-punt (1) (a) jew (b).

4. Wara t-tmiem tal-perjodu ta' 7 snin imsemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu, l-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 2 għandha tkompli tapplika sakemm:

- (a) fil-każ ta' akkordji ta' riċerka u żvilupp imsemmija fl-Artikolu (1)(1), il-punti (1) (a) u (c), is-sehem mis-suq ikkombinat tal-partijiet tal-akkordju ma jkunx ikbar minn 25 % fis-swieq rilevanti li għalihom jappartjenu l-prodotti tal-kuntratt jew it-teknoloġiji tal-kuntratt;
- (b) fil-każ ta' akkordji ta' riċerka u żvilupp imsemmija fl-Artikolu 1(1), il-punti (1) (b) u (d), is-sehem mis-suq ikkombinat tal-parti li tiffinanzja u l-partijiet kollha li magħhom il-parti li tiffinanzja tkun ikkonkludiet akkordji ta' riċerka u żvilupp fir-rigward tal-istess prodotti tal-kuntratt jew teknoloġiji tal-kuntratt, ma jkunx ikbar minn 25 % fis-swieq rilevanti li għalihom jappartjenu l-prodotti tal-kuntratt jew it-teknoloġiji tal-kuntratt.

5. Jekk is-sehem mis-suq ikkombinat tal-partijiet rilevanti ma jaqbiżx il-limitu rilevanti msemmi fil-paragrafu 4 fl-aħħar tal-perjodu ta' 7 snin imsemmi fil-paragrafu 3, iżda sussegwentement jaqbeż dak il-limitu, l-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 2 għandha tkompli tapplika għal perjodu ta' sentejn kalendarji konsekuttivi wara s-sena li fiha jkun inqabeż għall-ewwel darba l-limitu tas-sehem mis-suq rilevanti.



## Artikolu 7

**Applikazzjoni tal-limitu tas-sehem mis-suq**

1. Għall-iskop tal-applikazzjoni tal-livelli massimi tas-sehem mis-suq previsti fl-Artikolu 6(1) u (4), għandhom japplikaw r-regoli stabbiliti fil-paragrafi 2, 3 u 4 ta' dan l-Artikolu.
2. L-ishma mis-suq għandhom jiġu kkalkulati fuq il-bażi tal-valur tal-bejgħ fis-suq jew, jekk id-*data* dwar il-valur tal-bejgħ fis-suq ma tkunx disponibbli, fuq il-bażi tal-volumi tal-bejgħ fis-suq. Jekk id-*data* dwar il-volumi tal-bejgħ fis-suq ma tkunx disponibbli, jistgħu jintużaw stimi bbażati fuq informazzjoni affidabbli oħra tas-suq, inkluża in-nefqa fuq ir-riċerka u l-iżvilupp jew il-kapaċitajiet ta' riċerka u żvilupp.
3. L-ishma mis-suq għandhom jiġu kkalkolati fuq il-bażi ta' *data* relatata mas-sena kalendarja preċedenti. Jekk is-sena kalendarja preċedenti ma tkunx rappreżentattiva tal-pożizzjoni tal-partijiet fis-suq jew swieq rilevanti, is-sehem mis-suq għandu jiġi kkalkolat bħala medja tal-ishma mis-suq tal-partijiet fl-aħħar 3 snin kalendarji.
4. Is-sehem mis-suq miżmum mill-impriża msemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (e) għandu jitqassam b'mod indaqs għal kull impriża li jkollha wieħed jew iktar mid-drittijiet jew is-setgħat elenkati fl-Artikolu 1(2), il-punt (a).

## Artikolu 8

**Restrizzjonijiet fundamentali**

L-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 2 m'għandhiex tapplika għal akkordji ta' riċerka u żvilupp li, direttament jew indirettament, waħedhom jew f'kombinazzjoni ma' fatturi oħrajn fil-kontroll tal-partijiet, għandhom bħala l-objettiv tagħhom xi waħda mir-restrizzjonijiet li ġejjin:

- (a) ir-restrizzjoni tal-libertà tal-partijiet li jwettqu riċerka u żvilupp b'mod indipendenti jew f'koperazzjoni ma' partijiet terzi:
  - (i) f'qasam mhux konness ma' dak li miegħu huwa relatat l-akkordju ta' riċerka u żvilupp; jew
  - (ii) wara t-tlestija tar-riċerka u l-iżvilupp konġunti jew imħallsa, fil-qasam kopert mill-ftehim ta' riċerka u żvilupp jew f'qasam konness;
- (b) il-limitazzjoni tal-produzzjoni jew tal-bejgħ, bl-eċċezzjoni ta':
  - (i) l-iffissar ta' miri ta' produzzjoni meta l-isfruttament konġunt tar-riżultati jkun jinkludi l-produzzjoni konġunta tal-prodotti tal-kuntratt;
  - (ii) l-iffissar ta' miri tal-bejgħ, meta l-isfruttament konġunt tar-riżultati:
    - (1) ikun jinkludi d-distribuzzjoni konġunta tal-prodotti tal-kuntratt jew il-liċenzjar konġunt tat-teknoloġiji tal-kuntratt; u
    - (2) jitwettaq minn tim konġunt, organizzazzjoni konġunta jew impriża konġunta jew ikun fdat b'mod konġunt lil parti terza;
  - (iii) prattiki li jikkostitwixxu speċjalizzazzjoni fil-kuntest tal-isfruttament;
  - (iv) r-restrizzjoni tal-libertà tal-partijiet li jipproduċu, ibiegħu, jassenjaw jew joħorġu liċenzji għal prodotti, teknoloġiji jew proċessi li jikkompetu mal-prodotti tal-kuntratt jew mat-teknoloġiji tal-kuntratt matul il-perjodu li għalih il-partijiet ikunu qablu li jisfruttaw ir-riżultati b'mod konġunt;
- (c) l-iffissar tal-prezzijiet meta jinbiegħu il-prodotti tal-kuntratt jew jiġu liċenzjati t-teknoloġiji tal-kuntratt lil partijiet terzi, bl-eċċezzjoni tal-iffissar tal-prezzijiet li jintalbu lill-klijenti immedjati jew tal-iffissar tat-tariffi tal-liċenzja li jintalbu lil-liċenzjatarji immedjati meta l-isfruttament konġunt tar-riżultati:
  - (i) ikun jinkludi d-distribuzzjoni konġunta tal-prodotti tal-kuntratt jew il-liċenzjar konġunt tat-teknoloġiji tal-kuntratt; u
  - (ii) jitwettaq minn tim konġunt, organizzazzjoni konġunta jew impriża konġunta jew ikun fdat b'mod konġunt lil parti terza;

- (d) ir-restrizzjoni tat-territorju li fih, jew tal-klijenti li lilhom, il-partijiet jistgħu jbiegħu b'mod passiv il-prodotti tal-kuntratt jew joħorġu liċenzji għat-teknoloġiji tal-kuntratt, bl-eċċezzjoni tar-rekwiżit li r-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp jiġu liċenzjati esklussivament lil parti oħra;
- (e) ir-restrizzjoni tal-bejgħ attiv tal-prodotti tal-kuntratt jew tat-teknoloġiji tal-kuntratt f'territorji jew lil klijenti li ma jkunux ġew allokati esklussivament lil waħda mill-partijiet permezz ta' speċjalizzazzjoni fil-kuntest tal-isfruttament;
- (f) ir-rekwiżit li jkun hemm rifjut li tiġi ssodisfata d-domanda minn klijenti fit-territorji rispettivi tal-partijiet, jew minn klijenti allokati b'mod ieħor bejn il-partijiet permezz ta' speċjalizzazzjoni fil-kuntest tal-isfruttament, meta tali klijenti jikkummerċjalizzaw il-prodotti tal-kuntratt f'territorji oħrajn fis-suq intern;
- (g) ir-rekwiżit li jagħmilha diffiċli għall-utenti jew għar-rivendituri biex jiksbu l-prodotti tal-kuntratt mingħand rivendituri oħra fis-suq intern.

#### Artikolu 9

### Restrizzjonijiet esklużi

1. L-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 2 m'għandhiex tapplika għall-obbligi li ġejjin li jinsabu f'akkordji ta' riċerka u żvilupp:

(a) l-obbligi li ma tikkontestax:

(i) wara t-tlestija tar-riċerka u l-iżvilupp, il-validità tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali li:

- (1) il-partijiet ikollhom fis-suq intern; u
- (2) huma rilevanti għar-riċerka u l-iżvilupp; jew

(ii) wara l-iskadenza tal-akkordju tar-riċerka u żvilupp, il-validità tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali li:

- (1) il-partijiet ikollhom fis-suq intern; u
- (2) jiproteġu r-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp;

(b) l-obbligi li ma jingħatawx liċenzji lil partijiet terzi biex jipproduċu l-prodotti tal-kuntratt jew biex japplikaw it-teknoloġiji tal-kuntratt, sakemm l-akkordju ma jipprevedix l-isfruttament tar-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp konġunti jew bi ħlas minn waħda mill-partijiet jew iktar u tali sfruttament iseħħ fis-suq intern fil-konfront ta' partijiet terzi.

2. Il-paragrafu 1, il-punt (a) huwa mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li tiġi prevista t-terminazzjoni tal-akkordju ta' riċerka u żvilupp fil-każ li waħda mill-partijiet tikkontesta l-validità tad-drittijiet tal-proprjetà intellettuali msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) (i) u (ii).

3. Jekk l-akkordju ta' riċerka u żvilupp ikun jinkludi kwalunkwe waħda mir-restrizzjonijiet esklużi msemmija fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, l-eżenzjoni stabbilita fl-Artikolu 2 għandha tkompli tapplika għall-parti li jifdal fl-akkordju ta' riċerka u żvilupp, sakemm ir-restrizzjonijiet esklużi jistgħu jiġu sseparati minn dik il-parti li jifdal u sakemm li jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet l-oħra ta' dan ir-Regolament.

#### Artikolu 10

### Irtirar f'każijiet individwali mill-Kummissjoni

1. Il-Kummissjoni tista' tirtira l-benefiċċju tal-eżenzjoni stabbilita minn dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, meta hija ssib f'xi każ partikolari li akkordju ta' riċerka u żvilupp li għalih tapplika l-eżenzjoni stabbilita minn dan ir-Regolament, xorta waħda jkollu effetti li huma inkompatibbli mal-Artikolu 101(3) tat-Trattat.

2. Il-Kummissjoni tista' tirtira l-benefiċċju tal-eżenzjoni stabbilita minn dan ir-Regolament, skont l-Artikolu 29(1) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003, b'mod partikolari meta:

- (a) l-eżistenza ta' akkordju ta' riċerka u żvilupp tirrestrinġi b'mod sostanzjali l-possibbiltà għal partijiet terzi li jwettqu riċerka u żvilupp fil-qasam relatata jew fl-oqsma relatati mal-prodotti tal-kuntratt jew mat-teknoloġiji tal-kuntratt;
- (b) l-eżistenza tal-akkordju ta' riċerka u żvilupp tirrestrinġi b'mod sostanzjali l-aċċess ta' partijiet terzi għas-suq tal-prodotti tal-kuntratt jew tat-teknoloġiji tal-kuntratt;
- (c) il-partijiet ma jisfruttawx ir-riżultati tar-riċerka u l-iżvilupp konġunti jew bi ħlas fil-konfront ta' partijiet terzi mingħajr raġuni oġġettivament valida;
- (d) il-prodotti tal-kuntratt jew it-teknoloġiji tal-kuntratt ma jkunux soġġetti għal kompetizzjoni effettiva fis-suq intern kollu jew f'parti sostanzjali minnu; jew
- (e) l-eżistenza tal-akkordju ta' riċerka u żvilupp tirrestrinġi b'mod sostanzjali l-kompetizzjoni fl-innovazzjoni f'qasam partikolari.

#### Artikolu 11

### Irtirar f'każijiet individwali mill-awtorità tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru

L-awtorità tal-kompetizzjoni ta' Stat Membru tista' tirtira l-benefiċċju tal-eżenzjoni stabbilita minn dan ir-Regolament meta l-kundizzjonijiet tal-Artikolu 29(2) tar-Regolament (KE) Nru 1/2003 jiġu ssodisfati.

#### Artikolu 12

### Perjodu ta' tranżizzjoni

Il-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 101(1) tat-Trattat ma għandhiex tapplika waqt il-perjodu mill-1 ta' Lulju 2023 sat-30 ta' Ġunju 2025 fir-rigward ta' akkordji li kienu diġa' fis-seħħ fit-30 ta' Ġunju 2023 u li ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni stabbilita f'dan ir-Regolament iżda li jissodisfaw il-kundizzjonijiet għall-eżenzjoni stabbilita fir-Regolament (UE) Nru 1217/2010.

#### Artikolu 13

### Dħul fis-seħħ u applikazzjoni

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2023.

Huwa għandu japplika sat-30 ta' Ġunju 2035.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Ġunju 2023.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Ursula VON DER LEYEN